MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 75/2008

Kawza fil-lista: 69

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-attrici u l-konvenut C B izzewgu fl-4 ta’ Mejju 1995, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens ta’ l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b’ qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha

fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzega, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fl-4 ta’ Mejju 1995 [recte:1996], kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ mod generali, u b’ mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta’ l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, ghazel li jibqa’ kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-4 ta’ Mejju 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta’ Mejju 1996 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut, li gja kellu tifel minn relazzjoni ohra, kellu 28 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa tmien xhur. F’ dan it-tmien xhur, l-attrici kienet harget tqila mill-konvenut, u konsegwentement sabiex ruhha kostretta li tizzewweg. Fid-data taz-zwieg l-attrici kellha hames xhur tqala.

Fil-qosor, il-verzjoni ta’ l-attrici hi fis-sens li meta hi skopriet li kienet tqila mill-konvenut li kienet ilha tohrog mieghu tlett xhur biss, hija ssubiet pressjoni qawwija minn naha ta’ ommha sabiex tizzewweg, u dan biex it-tarbija ma titwielidx barra z-zwieg “u ommi bhal speci kienet tghidli li rridek tizzewweg, ma rridekx li n-nies joqghodu jghidu li inti ghandek tarbija minghajr ma zzewwigt, u xejn, kelli nbaxxi rasi.”[1] Hija tghid li ma rieditx tizzewweg, u li zzewwget kontra qalbha.

Konsegwentement l-attrici zzewwget lill-konvenut, u fis-27 ta’ Settembru 1996 twieldet it-tifla taghhom. Hija tilmenta mill-fatt li l-konvenut kien egojst u qammiel maghha u ma kienx jaghtiha flus bizzejjed biex tghajjex il-familja, tant li kellha tohrog tahdem. Jidher li l-problema tal-flus kienet wahda rikorrenti fil-hajja konjugali bejn il-partijiet, u l-attrici tghid li minhabba dawn il-problemi hi bdiet twarrabu u “ta’

[1] Fol.21

spiss” kienet tirrifjuta l-avvanzi tieghu ghar-relazzjonijiet intimi.

Tghid, li hames snin wara z-zwieg, il-konvenut kien diga’ beda proceduri ghas-separazzjoni, izda wara li kellu accident, huma rrikonciljaw u rrezumew il-konvivenza matrimonjali, izda bl-istess problemi li kienu gja’ ezistenti.

Wara s-separazzjoni, l-attrici qabdet relazzjoni ma’ ragel iehor li mieghu llum ghandha relazzjoni stabbli, u tghix mieghu barra minn Malta.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jghid li fil-bidu taz-zwieg, l-affarijiet deheru li kienu ghaddejjin normali, u li hu kien jaghtiha l-paga kollha lill-attrici biex tissomministraha ; izda eventwalment beda jinduna li l-attrici ma kienitx genwina mieghu fil-gestjoni tal-flus, u dan beda jghati lok ghall-problemi fiz-zwieg, liema problemi jsibu l-fonti taghhom fil-kwistjonijiet tal-flus.

Jghid li llum, ghalkemm martu qeda tghix ma’ ragel iehor barra minn Malta, it-tifla taghhom trabbiet u qeda tghix mieghu, u jiehu hsieb hu ghal bzonnijiet taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti hija propensa li taccetta bhala veritiera l-verzjoni attrici li din ma rieditx tizzewweg lill-konvenut, liema fatt jinsab rifless ukoll fil-fatt li l-konvivenza matrimonjali bejniethom kienet turbulenti minhabba kwistjonijiet rikorrenti ta’ flus li kien sors ta’ glied bejniethom u li wassal sabiex affettwa b’ mod negattiv u sostanzjalment il-hajja konjugali tal-partijiet, fejn l-attrici kienet tas-spiss tirrifjuta li taghmel l-att taz-zwieg mieghu.

Il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz, l-attrici kienet eskludiet li tghix mal-konvenut il-hajja konjugali, f’ unjoni diretta lejn il-benessere reciproku, liema fatt ghandu bhala l-bazi tieghu r-riluttanza da parti taghha li tizzewweg il-konvenut. Hi stess tghid li hi ma rieditx tizzewwgu, u li kienet kostretta taghmel hekk minn ommha ; u fil-hajja konjugali kienet tirrifjuta spiss li jkollha x’ taqsam ma’ zewgha, liema fatt

jinsab evidenzjat ukoll mill-fatt li l-partijiet ma kellhomx aktar tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap. precitat, u li dan il-*caput nullitatis* jikkonfigura biss fil-konfront ta' l-attrici. Minn naha tal-konvenut il-Qorti ma tirravviza ebda wiehed mill-capita nullitatis indikat mill-attrici fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-4 ta' Mejju 1996.

L-ispejjez jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------